**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 42 - IT-TLIETA 16 TA' FRAR 2016**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Sciberras kien infurmah permezz ta' email li ma setax jattendi l-laqgħa b'avviż qasir minħabba impenji ta' xogħol.

1.2. Il-Kunsillier Galea kien informa permezz ta' email ġenerali li talab li jkun skużat għal numru ta' laqgħat minħabba problemi ta' saħħa filwaqt li l-Kunsillier Gatt kien infurmat li se jkollu jittardja minħabba xogħol. Madanakollu, minħabba li l-laqgħa spiċċat kmieni l-Kunsillier Gatt ma laħaqx wasal.

1.3. Is-SE skuża ruħu li kellu jaqla' lill-Kunsillieri għal-laqgħa f'ħin daqstant qasir iżda minħabba li r-rapport finanzjarju ried jiġi ppreżentat lill-Awdituri sal-Ġimgħa, ma kienx se jkun hemm ċans ġurnata oħra. Irringrazzja lil dawk preżenti u anki esprima li jifhem lil dawk li ma laħqux jiġu.

## 2. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU 2015

2.1. Is-SE ressaq ir-rapport finanzjarju għas-sena 2015 li kien għadu kemm ġie finalizzat mill-*accountants* tal-Kunsill.

2.2. Is-SE spjega li dan, kif ikun approvat mill-Kunsill, jgħaddi għall-verifika u l-iskrutinju tal-Awdituri u għalhekk jista' jerġa jkun hemm xi aġġustamenti.

2.3. Is-SE spjega li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet tajba filwaqt li spjega għal xi diffikultajiet li kellhom il-Kunsillieri.

2.4. Wara diskussjoni, kjarifiki u emendi żgħar, il-Kunsill approva r-rapport.

2.5. Is-SE temm billi talab lill-Kunsillieri biex jikkomunikaw miegħu jekk ikollhom bżonn ta' aktar kjarifiki.

**3. TMIEM IL-LAQGĦA**

3.1. Il-laqgħa intemmet fit-20:00.

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |